# EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA GĦAL SKOP TA' INKLUŻJONI (TE4I)

## MESSAĠĠI EWLENIN TAL-POLICY

## Introduzzjoni

L-għan ta' din il-paper huwa li nagħtu dehra ġenerali tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjonijiet għal Ħtiġijiet Speċjali (l-Agency) ta' proġett ta' Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni (TE41); u tingħata importanza fuq kif ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal prijoritjiet ta' policy internazzjonali tal-Unjoni Ewropea.

It-tema tal-edukazzjoni tal-għalliema hija ta' importanza kbira fl-aġenda tal-policy madwar l-Ewropa u fuq livell globali; u r-rwol tal-għalliema u għalhekk tal-edukazzjoni tal-għalliema f'li jimxu lejn sistema ta' edukazzjoni aktar inklużiva għandha tiġi rikonoxxuta. *Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (WHO, 2011) isostni li: 'It-taħriġ approprju ta' għalliema mainstream huwa kruċjali jekk dawn għandhom ikunu kunfidenti u kompetenti fit-tgħallim tat-tfal bi ħtiġijiet diversi.' Huma jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal dan bil-għan li l-enfasi ma tkunx biss fuq għerf-għerfien u ħiliet, imma wkoll fuq attitudnijiet u valuri (p. 222).

## TE4I – Tendenzi fil-livell Ewropew u internazzjonali

Il-proġett TE41 tal-Agency jieħu inkonsiderazzjoni l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni tal-għalliema u fl-edukazzjoni inklużiva fil-livell Ewropew u internazzjonali. *Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-Dimensjoni Soċjali u t-Taħriġ* (2010) jinnota li l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ fl-Ewropa jinħtieġ li jassiguraw kemm ekwità kif ukoll eċċellenza u jagħrfu li titjib fil-ksib edukattiv u l-kompetenzi-qofol għal kulħadd huwa kruċjali, mhux biss għall-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività imma wkoll biex jitnaqqas il-faqar u titrawwem inklużjoni soċjali.

L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni – li ssostni lill-għalliema kollha biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema – għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi lejn l-aspetti ta' policy li ġejjin:

**Nindirizzaw żvantaġġi edukattivi:** Fil-mixja lejn ET 2020 Objettiv 3 'Nippromwovu l-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva', *il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 fuq il-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ* (2009a) jagħfsu fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-iżvantaġġ edukattivi billi jiġu pprovduti edukazzjoni ta' tfulija bikrija ta' kwalità għolja flimkien ma' sostenn li jkollu mira, u billi tiġi promossa edukazzjoni inklużiva. L-importanza ta' intervent bikri qiegħed jiġi rikonoxxut dejjem aktar bħala mod biex neħilsu minn ħafna problemi soċjali persistenti li jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra, u li jgħinu biex maż-żmien ikun hemm inqas infiq mill-fondi pubbliċi.

**Nindirizzaw problemi ta' faqar:** *Il-Konklużjonnijiet tal-Kunsill fuq il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Pjattaforma Ewropea għall-koeżjoni soċjali u territorjali* (2011a) b'mod partikolari tirrikjedi aktar sforzi biex issostni sostenn u opportunitajiet għal tgħalliema mhux-tradizzjonali u żvantaġġjati u tinnota li persuni b'diżabiltajiet huma partikolarment esposti għal riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali.

**Nittrattaw it-tluq mill-iskola qabel iż-żmien:** Biex nittrattaw it-tluq mill-iskola qabel iż-żmien ikunu jinħtieġu miżuri bħalma huma ċ-ċans ta' 'edukazzjoni għat-tieni darba' u aktar kooperazzjoni mal-familji u l-kommunità lokali, kif ukoll koordinazzjoni mill-qrib bejn l-edukazzjoni u s-setturi tat-taħriġ u oqsma ta' policy oħra relatati, inklużi edukazzjoni fit-tfulija bikrija, kurrikula, edukazzjoni tal-għalliema u sostenn individwalizzat, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġjati.

European Agency for Development in Special Needs Education

Østre Stationsvej 33, 5000 Odense C, Denmark
Tel: +45 64 41 00 20 • Email: secretariat@european-agency.org • Web: www.european-agency.org

MT

**Titjib fil-ksib edukattiv u kompetenzi ewlenin:** Il-*Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-twettiq tal-istrateġija 'Ewropa 2020'* (2011b) jenfasizza r-rwol fundamentali ta' edukazzjoni u taħriġ fil-ksib ta' objettivi ta' żvilupp serju, sostenibbli u inklużiv billi jsostni ċittadini bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fl-ekonomija Ewropea u s-soċjetà Ewropea u jgħinuhom jippromwovu koeżjoni soċjali u inklużjoni.

**Inneħħu l-ostakli esperjenzjati mit-tgħalliema b'diżabiltà:** Ħafna pajjiżi u l-UE nnifisha ffirmat u rratifikat il-*Konvenzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabiltà*, 2006 (UNCRPD) u l-Protokol Opzjonali u dan qiegħed jgħin biex ikun hemm il-bidla. B'mod partikolari, Artiklu 24 jistqarr li l-edukazzjoni inklużiva tipprovdi l-aħjar ambjent edukattiv għal tfal b'diżabiltà u tgħin biex jingħelbu l-ostaklu u jiġu ċċalinġjati l-istereotipi.

Il-UNCRPD jistqarr il-ħtieġa li jiġu mħarrġa l-għalliema kollha biex jgħallmu fi klassijiet inklużivi u jisħaq fuq l-importanza ta' titjib fl-edukazzjoni tal-għalliema fil-modi mqassra mill-Edukazzjoni tal-Ministri fis-snin riċenti (2007, 2008, 2009b). Il-proġett TE41 jipprovdi aktar sostenn għal azzjonijiet ta' dan it-tip.

## Il-proġett tal-Agency ta' Edukazzjoni għal Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni (TE4I)[1]

Fl-2009, l-Agency bdiet proġett ta' tliet snin biex tinvestiga kif għalliema mainstream ikunu mħejjija permezz ta' taħriġ inizjali biex ikunu 'inklużivi'. Il-proġett involva ħamsa u ħamsin espert minn 25 pajjiż[2], li kienu jinkludu policy makers responsabbli għall-edukazzjoni tal-għalliema u edukazzjoni inklużiva u kif ukoll kemm għalliema ġenerali u speċjalisti. Ir-rakkomandazzjonijet tal-proġett jagħfsu fuq il-ħtieġa ta' 'commonalities' bejn il-policy u l-prattika għall-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni fil-pajjiżi parteċipanti; fuq l-istudji tal-policy u l-letteratura prodotti bħala parti mill-proġett; u l-informazzjoni miġbura minn medda wiesgħa ta' stakeholders f'14-il żjara ta' pajjiżi għal skop ta' studju. Barra mir-rapport tal-proġett, aspett importanti huwa l-Profil ta' Għalliema Inklużivi, li jitkellem dwar il-kompetenzi meħtieġa minn għalliema effettivi u inklużivi.

## Tagħrif miksub minn proġetti u rakkomandazzjonijiet

L-edukazzjoni tal-għalliema fl-Ewropa tinħtieġ li tkun aktar żviluppata jekk trid effettivament tipprepara lill-għallimea biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet ta' tgħalliema diversi fil-klassi. It-tagħrif miksub mill-proġett TE41 isostni l-beżgħat ewlenin li nsibu fil-livell ta' policy Ewropea u jindika b'mod ċar il-ħtieġa ta':

- Żvilupp ta' ingaġġ aktar effettiv u proċessi ta' għażla;
- Titjib fis-sistemi tal-edukazzjoni tal-għalliema li jinkludu edukazzjoni ta' għalliema inizjali, induzzjoni, monitoraġġ u żvilupp professjonali kontinwu;
- Tisħiħ tal-professjoni u assigurar ta' kwalità ta' edukaturi ta' għalliema;
- Titjib fil-leadership tal-iskejjel.

L-aktar importanti, it-tagħrif miksub mill-proġett TE41 jitkellem dwar il-ħtieġa ta' titjib fil-kompetenzi tal-għalliema u l-promozzjoni ta' valuri u attitudnijiet professjonali. Erba' valuri ewlenin relatati mat-tagħlim u t-tgħallim kienu identifikati fil-proġett bħala l-bażi tal-kompetenzi għall-għalliema li jaħdmu fl-edukazzjoni inklużiva:

[1] Aktar informazzjoni tinkiseb minn: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion

[2] L-Awstrija, il-Belġju, (il-kommunitajiet li jitkellmu bil-Fjammin u bil-Franċiż), Ċipru, id-Dannimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, l-Iżlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Spanja, l-Isvizzera, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), l-Ungerija

**Il-valorizzazzjoni tad-diversità tal-istudenti:** id-differenza bejn l-istudenti tintqies bħala riżorsa u vantaġġ għall-edukazzjoni;

**Is-sostenn tat-tgħalliema kollha:** l-għalliema jkollhom aspettazzjonijiet għolja għal skop ta' ksib mit-tgħalliema kollha;

**Il-ħidma ma' oħrajn:** kollaborazzjoni u xogħol f'tim huma approċji essenzjali għall-għalliema kollha;

**L-iżvilupp professjonali personali kontinwu:** it-tagħlim huwa attività ta' tgħallim u l-għalliema jridu jaċċettaw ir-responsabiltà għat-tgħallim-tul-il-ħajja tagħhom.

Għadd ta' rakkomandazzjonijiet joħorġu mill-istudji tal-proġett. Dawn huma diretti lejn il-professjonisti li jaħdmu fl-edukazzjoni tal-għalliema, kif ukoll bħala policy makers li jkollhom jipprovdu qafas ta' policy koerenti biex jimmaniġġjaw l-bidla sistematika usa' neċessarja biex timpatta fuq l-edukazzjoni ta' għalliema għall-inklużjoni.

**Ingaġġ u ritenzjoni:** Approċji effettivi biex jintjieb l-ingaġġ tal-kandidati tal-għalliema u tiżdied ir-rata ta' ritenzjoni għandha tiġi esplorata flimkien ma' modi biex jiżdied in-numru ta' għalliema minn ambjenti diversi u b'diżabilitajiet.

**Evidenza ta' effettività ta' edukazzjoni tal-għalliema:** Trid issir riċerka fuq l-effettività ta' rotot differenti fit-tagħlim u l-organizzazzjoni tal-kors, il-konenut u l-pedagoġija biex jiġu żviluppati bl-aħjar mod il-kompetenzi tal-għalliema biex jintlaħqu l-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema kollha.

**Professjonalizzazzjoni tal-edukaturi tal-għalliema:** Il-'professjoni' tal-edukaturi tal-għalliema jinħtieġ li tiġi żviluppata aktar b'titjib fl-ingaġġ, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu. Il-profil ta' edukaturi ta' għalliema f'Istituzzjonijiet Edukattivi Ogħla (HEIs) u l-istaff tal-iskola b'din ir-responsabiltà għandha titqajjem b'li jiġu appuntati kandidati bil-kwalifiki u l-expertise approprijat. Aktar xogħol għandu jiżviluppa proċess ta' induzzjoni formali u jiġu esplorati modi biex isostnu esperjenzi riċenti u relevanti għal staff li jkun ibbażat fil-kulleġġ.

**Kollaborazzjoni bejn l-iskejjel u l-HEIs:** Bħala parti mill-korstijjiet tal-ITE, il-prattika tat-tagħlim għandha tiġi sostnuta b'fehim ċar li jsostni l-aspetti teoretiċi biex jiġi assigurat li l-prattika ma tiffukax biss fuq il-ħiliet li jistgħu jiġu osservati u mkejla bl-aktar mod sempliċi. L-istituzzjonijiet tal-iskejjel u tal-għalliema għandhom jaħdmu flimkien biex jassiguraw mudelli tajbin ta' prattika fl-iskejjel u placements approprji fil-prattika tat-tagħlim.

**Riforma sistematika aktar wiesgħa:** L-edukazzjoni tal-għalliema ma tistax taħdem f'iżolament. Ir-'riforma tas-sistema kollha' meħtieġa biex issostni l-bidla tinħtieġ impenn u tmexxija b'saħħitha mill-policy makers fis-setturi kollha u l-medda kollha tal-istakeholders fl-edukazzjoni. Xogħol ieħor għandu jiffoka fuq l-iżvilupp ta' policy bejn is-setturi u prattika multiaġenzjali fil-livelli kollha biex issostni edukazzjoni inklużiva bħala parti ewlenija ta' soċjetà aktar inklużiva.

**Kjarifikazzjoni tal-lingwa li tintuża meta nirreferu għal inklużjoni u diversità:** Il-kategorizzazzjoni u l-illejbiljar jirriinforza l-paraguni, jibni l-ġerarkija u jista' jillimita l-aspettazzjonijiet u, bħala riżultat, it-tgħallim. Ir-riforma fil-policy għandha ssostni lill-għalliema kollha u l-professjonisti ewlenin biex jiżviluppaw fehim ċar dwar l-premessi ewlenin asoċjati ma' u l-implikazzjonijiet ta' użu ta' terminoloġija differenti.

## Oqsma għal skop ta' żvilupp aktar ta' policy

L-iżviluppi ta' edukazzjoni ta' għalliema għal skop ta' inklużjoni huma evidenti mal-Ewropa. Madankollu hemm bżonn ta' għadd ta' aspetti ta' policy ewlenija li jinħtieġu aktar studju jekk l-għalliema kollha għandhom ikunu mħejjija permezz ta' edukazzjoni ta' għalliema inizjali biex ilaħħqu mad-diversità tal-ħtiġijiet tat-tgħalliema f'ambjenti inklużivi. Fl-ikkunsidrar ta' prijoritajiet f'livell ta' policy flimkien ma' tagħrif miksub mill-proġett TE41 il-benefiċċji ta' aktar ħidma f'dan il-qasam huma ċari. Dawn l-erba' oqsma jistgħu jiġu identifikati bħala li jinħtieġu attenzjoni partikolari f'xogħol tal-ġejjieni u żvilupp ta' policy.

**Korsijiet ta' ITE segwiti minn approċju ta' mudell imwaħħad:** aspetti ta' inklużjoni u diversità huma parti integrali ta' kontenut fil-programmi ta' ITE għall-għalliema kollha – indipendentement mill-medda tal-età jew is-suġġetti li jkunu jridu jgħallmu.

**Kontinwu ta' opportunitajiet ta' żvilupp professjonali fuq aspetti diversi jkunu aċċessibbli mill-għalliema kollha u mil-leaders tal-iskejjel:** wara stħarriġ f'dawn l-aspetti tal-ITE u l-proviżjoni ta' medda ta' esperjenzi relevanti, l-għalliema għandhom ikunu kapaċi li jsegwu oqsma speċifiċi f'aktar profondità fil-karrieri tagħhom.

**Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali fuq aspetti diversi jinkisbu mill-edukaturi tal-għalliema kollha:** L-edukaturi tal-għalliema, għandhom dejjem aktar, ikunu appuntati, għax ikollhom għerf-għarfien u esperjenzi f'ambjenti inklużivi. Ir-riċerka u l-opportunitajiet ta' żvilupp għandhom ikunu aċċessibbli mill-edukaturi tal-għalliema kollha biex titħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn il-fakultajiet u jikkontribwixxu lejn approċju ta' 'istituzzjoni sħiħa' għad-diversità.

**Id-data fuq l-ingaġġ u r-ritenzjoni tal-għalliema b'mod partikolari data relatata mar-rappreżentazzjoni tal-għalliema minn gruppi minoritarji, tiġi miġbura:** Data ta' dan it-tip għandha tiġi analizzata u użata biex tinforma d-deċiżjonijiet ta' policy-making bil-għan li jiġi assigurat li l-workforce tal-għalliema hija rappreżentattiva tal-popolazzjoni bħala xi ħaġa sħiħa.

## Kummenti tal-għeluq

Il-benefiċċji ta' inklużjoni dejjem tiżdied, marbuta ma' prijoritajiet oħra bħalma huma l-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni ta' kommunità, huma fit-tul. Barra minn hekk, investiment fl-edukazzjoni tal-edukazzjoni bikrija u sistema dejjem tiżdied ta' edukazzjoni inklużiva għandha ċ-ċans li tirrappreżenta l-użu l-aktar effettiv ta' riżorsi.

Il-viżjoni ta' sistema edukattiva ekwa tinħtieġ li l-għalliema jkunu mgħammra bil-kompetenzi meħtieġa biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet diversi u huwa ttamat li x-xogħol ta' dan il-proġett tal-Agency ikun jista' jipprovdi xi ideat u ispirazzjoni biex jitkompla l-vjaġġ li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għat-tgħalliema kollha.

## Referenzi


Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2007) *Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentattivi tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema* (Official Journal C300, 12.12.2007)

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008) *Konklużjonijiet fuq il-Kunsill u r-Rappreżentattivi tal-Gvernijiet tal-Membri Stati, jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 biex iħejju lil persuni żgħażagħ għas-seklu 21: aġenda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-iskejjel* (OJ 2008/C 319/08)

Il-Kunsill tal-Unjon Ewropea (2009a) *Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 fuq qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ* ('ET 2020') (2009/C 119/02)

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2009b) *Konklużjonijiet tal-Kunsill u Rappreżentattivi tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqa' fil-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 fuq l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-leaders tal-iskejjel* (OJ 2009/C 000/09)

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2010) *Konklużjonijiet ta' Kunsill fuq id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ. It-3013 laqgħa dwar l-Edukazzjoni, iż-Żgħazagħ u l-Kultura, Brussels, 11 ta' Mejju 2010*

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011a) *Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali. Laqgħa tal-Kunsill 3073 fuq l-Impjegar, il-policy soċjali, is-saħħa u l-affarijiet tal-konsumatur, Brussel, is-7 ta' Marzu 2011.*

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2011b) *Il-konklużjonijiet tal-kunsill fuq ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-twettiq tal-istrateġija "Ewropa 2020"* (2011/C 70/01)

In-Nazzjonijiet Uniti (2006) *Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet, New York, Nazzjonijiet Uniti. Sors elettroniku li jista' jinkiseb online f':* http://www.un.org/disabilities/convention/conventionfull.shtml

Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2011) *Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà.* Ġeneva: L-Isvizzera. WHO


© European Agency for Development in Special Needs Education 2011

Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG tal-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea:
http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm